**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 9 ta' Mejju 2024**

Rikors Numru: 629/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1495/2020)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1) Illi l-kontendenti izzewgu fl-17 Ottubru 2020 (DOK A) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

2) Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' seprazzjoni ppubblikat nhar it-30 ta' Mejju 2023 fl-atti tan-nutar Abigail Camilleri (DOK B).

3) Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien mis-separazzjoni taghhom u ma hemm l-ebda manteniment dovut.

4) Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

5) Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m' huiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. A tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Qorti jogħġobha, previa s-smiegħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tiġi stabbilita l-esistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz tagħha esponiet :

1. Illi l-esponenti tikkontendenti illi huma ilhom separati de facto sa minn Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) u li bejniethom m'hemm l-ebda cans ta' rikonċiljazzjoni.

2. Illi effettivament l-esponenti taqbel ukoll illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment u kwindi l-kondizzjonijiet rikjesti mill-ligi huma lkoll sodisfatti ghall-ottjeniment tad-divorzju.

3. Illi ghaldaqstant, l-esponenti m'ghandhiex oġġezzjoni sabiex din il-Qorti jogħġobha tilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-ħall taż-żwieġ.

4. Illi finalment l-esponenti topponi għall-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.

Tant għandha x'tissottometti l-esponenti f'dan l-istadju.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Jannar 2024;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Mejju, 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.